# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru.: 583/16MH**

**Illum 13 ta' Mejju, 2016**

**Sean Buhagiar (I.D. 311086M)**

**vs**

**Stagun Teatru Malti Limited (C65648), Mario Philip Azzopardi (ID51251M) u Therese Azzopardi (ID176751M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrent Sean Buhagiar prezentat fit-18 ta' April 2016 fejn gie premess:

*"Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimati milli:*

*Jzommu l-laqgha generali tal-azzjonisti tal-kumpannija Stagun Teatru Malti Limited appuntata ghall-20 t'April 2016 fis-16.00 liema laqgha giet imsehja unikament sabiex jitnehha r-rikorrent mill-bord tad-diretturi kontra r-rieda*

*tieghu, jew altrimenti jzommu laqgha generali fi' kwalsiasi data ohra li jkun fiha fl-agenda t-tnehhija ta' l-esponent mill-bord tad-diretturi tal-kumpannija Stagun Teatru Malti Limited, jew jghaddu kwalsiasi rizoluzzjoni jew altrimenti jiehdu kwalsiasi mizura ohra intiza sabiex tnehhi lill-esponenti minn direttur tal-kumpannija Stagun Teatru Malti Limited jew biex tnehhi jew tnaqqas id-drittijiet, poteri u awtoritajiet moghtija lilu skond il-ligi jew skond l-istatut tal-kumpannija in kwantu direttur taghha.*

*Illi l-esponenti flimkien mal-intimat Mario Philip Azzopardi irregistraw is-socjeta' Stagun Teatru Malti Limited ('is-socjeta') nhar is-17 ta' Gunju 2014, u dan skond ma jirrizulta mill-Memorandum and Articles tal-istess socjeta' (Dok. 'SB1'). Illi l-Issued Share Capital tas-socjeta' huwa dak ta' elf, mitejn u hamsin (1,250) sehem ordinarju ta' euro wiehed (€ 1) kull wiehed u kull sehem jgawdi minn vot wiehed fil-laqgha tal-azzjonisti tas-socjeta'. L-esponenti ghandu mahruga f'ismu hames mitt (500) sehem ordinarju, ta euro wiehed (€1) kull wiehed filwaqt li l-intimat l-iehor Mario Philip Azzopardi ghandu mahruga fuq ismu r-rimanenti seba mija u hamsin (750) sehem ordinarju ta' euro wiehed (€1) kull wiehed. Ghaldaqstant, l-intimat Mario Philip Azzopardi jista' wahdu jiehu l-kontroll effettiv tas-socjeta'.*

*Illi sallum l-azzjonisti huma diretturi, flimkien mal-intimata l-ohra Therese Azzopardi. Inoltre, din is-socjeta' kienet twaqqfet ghab-bazi ta' fiducja reciproka bejn l-azzjonisti. Il-kumpannija twaqqfet sabiex l-esponent u l-intimat Mario Philip Azzopardi jghaqqdu l-esperjenza, kuntatti u kapacitajiet intellettwali taghhom fil-kamp ta' l-arti u l-kultura b'mod partikolari f'dak li jikkoncerna produzzjonijiet tejatrali u ghalkemm l-kumpannija twaqffet b'sehem ta' 40% ghall-esponenti u 60% ghall-intimat Mario Philip Azzopardi, fil-fatt l-azzjonisti ikkontribwew b'mod indaqs fil-kumpannija (principalment minn flus gejjin minn produzjonijiet li kienu ghamlu bejniethom fi zmien precedenti) u mill-produzzjonijiet illi ghamlet il-kumpannija sa' llum huma dejjem qasmu l-*

*introjtu f'ishma indqas bejniethom. Fil-fatt il-kumpannija kient intiza biex tikkonsolida 'partnership' bejn il-partijiet biz-zewg azzjonisti jzommu rwol attiv fil-gestjoni tal-produzzjonijiet tal-kumpannija;*

*Illi ghalhekk, l-aspettattiva legittima ta' l-esponent, in kwantu co-fundatur tal-kumpannija kienet dejjem u ghadha illi sakemm idum azzjonista fil-kumpannija hu jkun ukoll direttur taghha ghaliex il-ftehim bejn l-azzjonisti kien illi dejjem jibqa' jkollu sehem attiv fil-kumpannija hekk kif kellu sehem attiv fil-produzzjonijiet li kienu jsiru bejn l-azzjonisti qabel ma twaqqfet il-kumpannija;*

*Illi wara disgwid li nqala' bejn l-esponenti u Mario Philip Azzopardi ghal habta ta' Frar 2016, l-esponenti rcieva avviz ghal laqgha generali tal-azzjonisti li ser tkun qed tinzamm nhar l-20 t'April fl-16:00 (Dok. 'SB2'), liema laqgha' hija intiza unikament sabiex jittiehed vot dwar it-tnehhija tal-esponenti mill-kariga tieghu ta' direttur tas-socjeta'.*

*Illi wara li nqala' l-imsemmi disgwid bejn il-partijiet, bl-agir ta' l-intimati jew min minnhom l-esponenti qieghed jigi mwaqqaf illegalment u abbusivament milli jkollu access liberu ghall-kotba tal-kumpanijja, inkluz dokumentazzjoni relattiva ghad-dhul u l-ispejjez tal-kumpanijja u kif ukoll tnehhietlu kull possibilita' li jikkontrolla l-infieq tal-istess, minkejja li sallum huwa ghadu direttur u azzjonist tas-socjeta' intimata.*

*Illi apparti li dan huwa bi ksur tal-legitimate expectations ta' l-esponenti in kwantu co-fundatur tal-kumpannija, u apparti illi dan l-agir qed isir b'mod oppressiv, mhux gust u diskriminatorju fil-konfront ta' l-esponenti in kwantu azzjonista minoretarju taghha, dan qed isir ukoll fl-isfond ta' trattativi li qed isiru tramite l-avukati ta' fiducja tal-partijiet sabiex tipprova tinsab soluzzjoni ghas-sitwazzjoni kurrenti b'mod partikolari diskussjonijiet dwar il-possibilta' illi l-esponenti jitrasferixxi u jbiegh l-ishma tieghu lill-intimat Mario Philip*

*Azzopardi. Sabiex dan isehh l-esponent ghandu bzonn jara l-kotba tal-kumpannija biex ikun jista' jhejji valutazzjoni ta' l-ishma tieghu pero' l-intimati jew min minnhom qed jaghmlu minn kollox biex icahhdu lill-esponenti minn tali informazzjoni minkejja li huwa direttur tal-kumpannija;*

*Illi bl-intiza illi jdghajjfu l-posizzjoni ta' l-esponenti f'dawn it-trattattivi u ghaliex jafu illi l-esponenti ghandu dritt ghall-informazzjoni illi qed jitlob, b'mod oppressiv u ingust issa l-intimati jew min minnhom qed jippruvaw inehhuh mill-kariga ta' direttur u dan kontra r-rieda tieghu u minkejja l-fatt illi huwa co-fundatur ta' l-istess kumpannija;*

*Illi dawn il-manuvri jridu jigu kunsudrati ukoll fl-isfond tal-Art 5 tal-Articles of Association tal-kumpannija li jghid illi Shares are transferable between members of the company and between a member and his wife, children or other descendants. <u>Shares may not be transferred to non-members of the company without the approval of the Board of Directors</u> (emfasi mizjud). Konsegwentement, f'kaz illi l-esponenti jitnehha minn direttur tas-socjeta' intimata, l-unika mod illi bih l-esponenti jkun jista' jitrasferixxi inter vivos l-ishma tieghu fis-socjeta' intimata huwa ma jkollu l-ebda jedd illi imqar jattendi ghal-laqgha tal-bord tad-diretturi fejn jkunu ser tittiehed decizjoni dwar il-bejgh ta' l-ishma tieghu u wisq anqas ma jkollu vot dwar l-istess.*

*Illi huwa tramite l-kariga tieghu ta' direttur illi l-ishma di proprjeta' tieghu jigu rapprezentanti fuq il-bord tad-diretturi. Inoltre, huwa tramite l-istess kariga li l-esponenti jista' effettivament jissalvagwarda l-jeddiet u l-interessi patrimonjali tieghu mill-imsemmija socjeta'. Illi t-tnehhija mill-kariga ta' direttur tikkontravvjeni d-drittijiet tar-rikorrenti in kwantu co-fundatur tal-kumpannija u dan b'mod irrimedjabbli ghaliex in kwantu azzjonista minoretarju ma jkollu qatt is-seta' li jerga jiehu din il-kariga jekk mhux bil-kunsens ta' l-intimat Mario Philip Azzopardi.*

*Illi ghandu jirrizulta anke fuq bazi prima facie illi dan il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddiet tar-rikorrenti, u bl-agir taghhom, l-intimati jew min minnhom, ser jippregudikaw id-drittijiet tar-rikorrenti b'mod irrimedjabbli.*

*Inoltre, l-esponenti jitlob illi din l-Onorabbli Qorti li pendenti l-ghoti ta' digriet finali, joghgobgha tilqa' t-talba tar-rikorrenti provvizorjament ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap 12 u dan stante illi l-laqgha ghat-tnehhija ta' l-esponent hija msejha ghall-20 ta' April, 2016.*

*Illi l-esponenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija."*

Rat ir-risposta tal-intimati Stagun Teatru Malti Limited (C-65648), Mario Philip Azzopardi (ID. 51251M) u Therese Azzopardi (ID. 176751M) prezentata fis-27 ta' April 2015 li permezz taghha esponew:

*"Illi permezz ta' rikors fl-ismijiet fuq ċitati tat-18 ta' April 2016 ir-rikorrenti, talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinibixxi lill-esponenti intimati milli:*

> *Jzommu l-laqgħa generali tal-azzjonisti tal-kumpannija Stagun Teatru Malti Limited appuntata għall-20 ta' April 2016 fis-16.00 liema laqgħa giet imsejħa unikament sabiex jitneħħa r-rikorrent mill-bord tad-diretturi kontra r-rieda tiegħu, jew altrimenti*

*jzommu laqgha generali fi' kwalsiasi data oħra li jkun fiha fl-agenda t-tnehhija ta' l-esponent mill-bord tad-diretturi tal-kumpannija Stagun Teatru Malti Limited, jew jgħaddu kwalsiasi rizoluzzjoni jew altrimenti jieħdu kwalsiasi miżura oħra intiża sabiex tneħħi lill-esponenti minn direttur tal-kumpannija Stagun Teatru Malti Limited jew biex tneħħi jew tnaqqas d-drittijiet, poteri u awtoritajiet mogħtija lilu skond il-liġi jew skond l-istatut tal-kumpannija in kwantu direttur tagħha.*

*Illi b'digriet tat-18 t'April, 2016 il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament sakemm jingħata d-digriet definittiv wara s-smiegħ. L-intimati esponenti qegħdin iressqu din ir-risposta, kif awtorizzati ai termini tal-istess digriet.*

## *1.0 Fatti tal-każ*

*Illi għal fini ta' din ir-risposta m'hemmx għalfejn li wieħed jidħol fid-dettall dwar il-fatti tal-każ iżda, għal kull buon fini, ser jiġu spjegati l-premessi fattwali fil-qosor;*

*Illi l-azzjonisti tas-soċjeta' intimata, Stagun Teatru Malti Limited, huma l-intimat Mario Philip Azzopardi illi għandu sebgħa mija u ħamsin sehem ordinarju (750) u r-rikorrenti Sean Buhagiar li għandu ħames mitt sehem ordinarju (500). L-intimat Mario Philip Azzopardi għandu l-maġġorita' tal-ishma fil-kumpannija intimata u ċioe' sittin fil-mija (60%) filwaqt illi r-rikorrenti għandu erbgħin fil-mija (40%). Id-diretturi tal-istess soċjeta' Stagun Teatru Malti Limited huma l-intimati Mario Philip Azzopardi, Therese*

*Azzopardi u r-rikorrenti Sean Buhagiar (ara kopja tal-istatut tal-kumpannija Stagun Teatru Malti hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok A1');*

*Illi huwa minnu dak li jgħid ir-rikorrenti Sean Buhagiar fir-rikors tiegħu illi l-kumpannija intimata Stagun Teatru Malti Limited twaqqfet b'fiduċja u lealta' bejn il-partijiet u dan wara li l-intimati Mario Philip Azzopardi u Therese Azzopardi kienu fdaw fir-rikorrent b'għajnejhom magħluqa. Madankollu nqala nċident li wassal sabiex l-intimat Mario Philip Azzopardi jiddeċiedi skont id-drittijiet tiegħu mogħti bil-liġi bħala azzjonist maġoritarju illi jsejjaħ laqgħa ġenerali ai termini tal-Artikolu 140 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta u l-istatut tal-istess kumpannija sabiex ir-rikorrenti jitneħħa minn direttur tal-kumpannija intimata;*

*Illi ġara illi lejliet il-produzzjoni 'Habbilna Ha Nirbaħ', li kienet qiegħda tiġi organizzata u mtella mill-kumpannija intimata Stagun Teatru Malti Limited, ir-rikorrenti Sean Buhagiar li kien id-direttur abbanduna l-ispettaklu minħabba li kien hemm disgwid bejn il-partijiet u hedded li jwaqqaf il-produzzjoni nonostante li l-biljetti kollha kien mibjugha.*

*Illi kull min hu midħla fl-arti jew it-tejatru jaf li l-pubbliku qatt m'għandu jiġi nvolut jew użat għall-tilwim artistiku;*

*Illi kien għalhekk li l-intimat Mario Philip Azzopardi fid-dawl ta' commitments kuntrattwali u fid-dawl tal-'Valletta 2018' li jħaddan il-maġorita' tal-ishma fil-kumpannija intimata u ċioe' sittin fil-mija (60%) ħa d-deċiżjoni li jiffissa laqgħa ġenerali u jibgħat l-avviż u l-aġenda relattivi (preżentati mir-rikorrenti stess bħala 'Dok. SB2') u dan skont d-drittijiet tiegħu ta' azzjonist maġġoritarju ab*

*bażi tal-Artikolu 140 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex ir-rikorrenti jkollu dritt jagħmel ir-rapprezentazzjonijiet tiegħu u wara jittieħed vot jekk jitneħħa minn direttur tal-istess kumpannija intimate.*

## 2.0 Il-kunsiderazzjonijiet legali kif applikabbli

*Illi l-Artikolu 873 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili espressament jipprovdi illi sabiex talba għall-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni tkun jista' tintlaqa' jenħtieġ illi l-Qorti tkun soddisfatta:*

*(i) illi prima facie ir-rikorrenti għandu dawk il-jeddijiet;*

*(ii) illi l-aġir ta' l-intimat ikun ta' preġudizzju irrimedjabbli li r-rikorrent; u*

*(iii) illi l-mandat ikun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent*[1].

*Illi fi Grech pro et noe vs Manfre (Vol.LXXII.II.290 – App. Civ. – 14/7/1988), il-Qorti qalet, fir-rigward tal-prova tal-jedd prima facie li dan:*

> *"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il- jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."*

*Żiedet tgħid:*

[1] Ara Giacomo Galea vs. Pio Bezzina (App. Civ. 5.8.1954) u Direttur tal-Kuntratti et vs. George Xuereb (Kumm. G.V. 14.6.1995); Ara wkoll, aktar reċentament, *Malta Union of Bank Employees* v *Bank of Valletta p.l.c.*, 27.01.2014, fejn dawn l-elementi ġew riprodotti.

> *"li l-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi kategorikament illi l-Qorti m'ghandiex tohrog dak il-mandat" jekk it-tliet rekwiziti tal-mandat fuq imsemmija ma jkunux sodisfatti."*

*Ġie wkoll ritenut illi mandat t'inibizzjoni:*

> *"huwa meżż eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali u l-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli… It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu fil-waqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat"*[2] *[enfażi miżjuda]*

*Ġie wkoll mtenni illi:*

> *"l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni. Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor."*[3] *[emfażi miżjuda]*

---

[2] Charles Mugliett v Saviour Bonnici, Prim Awla, 25/01/2005; Angelo Xuereb v Marin Hili, Qorti tal-Kummerċ, Rikors Nru 3135/94, Deċiż 22/09/1995.

[3] Dr Kenneth Grima *nomine* v Direttur Ġenerali tal-Kuntratti, Prim Awla, 26 ta' MArzu, 2014

*Kif ukoll illi:*

> *"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."*[4]

*Illi għalhekk jiġi sottomess illi l-fatti tal-każ għandhom jiġu eżaminati fid-dawl ta' dawn ir-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi u l-każistika nostrana;*

*Illi primarjament għandu jingħad illi fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji, direttur m'għandu l-ebda jedd li jwaqqaf laqgħa ta' kumpannija mlaqqa' kif imiss milli tneħħih mill-kariga ta' direttur anki jekk din it-tneħħija ssir qabel xi żmien miftiehem. Dan, skont l-Artikolu 140 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta jgħodd minkejja kull ħaġa oħra li tinsab fl-istatut tal-kumpannija jew xi ftehim bejn il-kumpannija u d-direttur;*[5]

*Illi l-Qrati nostrani konsistement ċaħdu t-talba għall-ħruġ ta'mandat ta' inibizzjoni sabiex direttur iwaqqaf laqgħa ġenerali taħt l-Artikolu 140 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta għaliex dan il- jedd joħroġ mill-liġi rigward it-tneħħija ta' direttur ab bażi tal-Artikolu 140 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

---

[4] Avukat Dr John Gauci v Direttur tal-Kuntratti, Prim Awla, 18 ta' Lulju, 2008

[5] Jurgen Doring v. AEE Renewables Limited et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 21 ta' April 2014.

*Illi huwa paċifiku li l-istatut tal-kumpannija intimata jikkostitwixxi kuntratt bejn l-azzjonisti (u mhux id-diretturi) u li dan jirregola r-relazzjonijijiet bejnithom sakemm dak miftiehem ma jmur kontra il-liġi.*

*Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti Sean Buhagiar għażel li jkun sħab f'kumpannija li hija rregolata mill-Att Dwar il-Kumpanniji cioe il-Kap 398 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-Artikolu 140 tal-Kap 398 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:*

*(1) Kumpannija tista' tneħħi direttur qabel ma jgħaddi ż-żmien tal-kariga tiegħu b'riżoluzzjoni li tittieħed f'laqgħa ġenerali tal-kumpannija u mgħoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu għaliha u jivvutaw, li flimkien ikollhom azzjonijiet li jagħtu l-jedd lid-detentur jew detenturi tagħhom għal iktar minn ħamsin fil-mija tal-jeddijiet tal-vot marbuta mal-azzjonijiet rappreżentati u li jagħtu l-jedd għal vot fil-laqgħa.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw minkejja kull ħaġa li tinsab fil-memorandum*

*Illi għalhekk anke mad-daqqa t'għajn (prima facie) dak li qed jitlob ir-rikorrenti huwa rimedju li jmur kontra l-liġi.*

*Illi r-rikorrenti Sean Buhagiar qed jilmenta ukoll dwar l-artikolu 5 tal-Istatut li jillimita t-trasferiment tal-ishma lil barranin minghajr l-approvazzjoni tal-Bord ta' Diretturi u li ghalhekk huwa jsofri pregudizzju jekk ma jinħariġx il-mandat. Dan bir-rispett huwa argument bla bażi kemm għaliex kien hu stess li aċċetta li jifforma parti minn kumpannija b'dik ir-regola meta ffirma l-istatut u kemm*

*għaliex il-kumpannija hija waħda privata kif hemm deskritt fil-*Kap. 386 *tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi apparti dan, minn imkien ma jidher li jeżisti xi jedd prima facie sabiex azzjonist f'kumpannija jkollu d-dritt jew l-jedd ta' rappreżentanza fl-istess kumpannija bħala direttur.*[6] *Dan ikompli jsaħħaħ in-nuqqas tal-element tal-jedd prima facie tar-rikorrenti. Jidher għalhekk ċar u tond illi r-rikorrenti m'għandu ebda jedd prima facie anzi huwa l-intimat Mario Philip Azzopardi stess li qiegħed jadixxi ruħu ab bażi tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta li jagħtih l-istess drittijiet sabiex ineħħi lir-rikorrenti minn direttur mingħajr il-bżonn li jagħti raġuni għal din it-tneħħija;*

*Illi f'***Jurgen Doring v. AEE Renewables Limited et, 21 ta' April 2014***, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, waqt li ċaħdet it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fl-istess kuntest bħal mandat de quo, qalet is-segwenti:*

> *"Għalhekk, kif sewwa jissottomettu l-intimati, jekk irrikorrenti tassew qiegħed jibża' mill-konsegwenzi tat-tneħħija tiegħu jew iseħħ dak li jibża' minnu, huwa għandu jfittex rimedju mod ieħor imma żgur mhux dak li twaqqaf lill-kumpannija milli tagħmel dak li huwa dmir u jedd tagħha".*

*Illi l-element tal-ħtieġa tal-mandat ta' inibizzjoni ukoll jidher nieqes f'dan il-kuntest u dan peress li persuna li titneħħa minn kariga ta' direttur f'kumpannija, ukoll jekk tkun azzjonista tal-istess kumpannija, kif hemm f'dan il-każ, dejjem għanda rimedji oħra applikabbli sabiex tikkontesta, jekk ikun il-każ, id-deċiżjoni tal-kumpannija.*[7]

---

[6] Ellul Philomena v. Ellul Charles pro et noe, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 5 ta' Ottubbru 2001
[7] Jurgen Doring v. AEE Renewables Limited et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 21 ta' April 2014.

*Illi l-premessi tar-rikorrenti li jekk jitneħħa minn direttur jsofri preġudizzju huwa ukoll bir-rispett mingħar bażi legali għaliex hija l-liġi stess li tghati protezzjoni lill-azzjonisti fosthom permezz tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 li jipproteġi l-interessi ta' azzjonisti minoritajri:*

*(1) Kull membru ta' kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, jista' jagħmel rikors lill-qorti għal ordni taħt dan l-artikolu.*

*Apparti dan wieħed għandu dejjjem iżomm f'moħħu li l-istess Artikolu 140 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta jagħti l-opportunita' lid-direttur li jkun ser jitneħħa sabiex jsemma' leħnu u jiġi mismugħ fil-laqgħa ġenerali. F'dan il-każ hekk ukoll kien ser isir, fejn l-intimati kienu ser jagħtu lir-rikorrenti żmien tajjeb sabiex ikollu din l-opportunita' waqt il-laqgħa ġenerali in kwistjoni;*
*Illi jidher ċar li żewġ elementi ta' mandat ta' inibizzjoni u ċioe' n-nuqqas ta' jedd prima facie kif ukoll in-neċessita' u l-ħtieġa assoluta tal-istess mandat ma ġewx sodisfatti u li għalhekk m'hemmx lok sabiex isiru sottomissjonijiet dettaljati dwar it-tielet element ta' preġudizzju. Għal kull buon fini, pero' ser jingħad illi peress li r-rikorrent m'għandu l-ebda jedd prima facie sabiex jimxi kontra l-intimati bil-mandat de quo, konsegwentement m'hu ser isoffri l-ebda preġudizzju irrimedjabbli jekk jitneħħa minn direttur; il-fatt ukoll li hemm rimedji alternattivi tkompli ssaħħaħ dan l-argument.*

## *3.0 Konklużjoni*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-intimati esponenti umilment jissottomettu illi l-mandat ta' inibizzjoni numru 583/2016 fl-ismijiet premessi għandu jigi miċħud bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

**Ikkonsidrat**

Illi kif ben stabbilit mill-Qrati taghna, u kif sahhah sew l-avukat tal-intimati fir-risposta tieghu l-ezami li hawn trid taghmel il-Qorti biex tigi determinata din il-vertenza huwa wiehed ben stabbilit mill-Qrati taghna ripetutament.

Dwar dan rat il-provvediment ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Norman u Margaret Rossignaud vs Dr.Ramon u Veronica Rossignaud et**, 930/2009 JZM, datata 06/07/09 fejn intqal dan l-ezami li trid taghmel biex jigi determinat att kawtelatorju:

*"Skond l-<u>Art.873(1) tal-Kap.12</u> –*

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*Skond l-<u>Art.873(2) tal-Kap.12</u> –*

*Il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

*Ghalhekk ir-rikorrent jehtieg li juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' dan il-Mandat. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet li qed jippretendi. It-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu, [prima facie] dawk il-jeddijiet.*

*Minn kliem il-ligi stess,* ***iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi****. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat. Tajjeb jinghad ukoll li* ***l-procedura hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja****, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd.*

*Minn dan johrog li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa* ***mezz procedurali eccezzjonali*** *ta' provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat,* ***il-jedd li jista' jkollu, jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli****. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bhalma lanqas ifisser li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. L-accertament li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghemil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu fil-waqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat."*

**Ikkunsidrat** –

Illi l-fatti naxxenti huma in succint illi il-partijiet irregistraw is-socjeta ntimata *b'issued share capital* ta' 1,250 ishma ordinarji li huma mqasssma hekk; 750

rappartenenti lill-intimat Mario Philip Azzopardi, 500 lir-rikorrenti. Jghid ir-rikorrenti li dana jfisser li l-intimat Mario Philip Azzopardi jista' allura wahdu jiehu l-kontrol tas-socjeta.

Jirrizulta ukoll illi d-diretturi ta' l-istess socjeta' huma l-azzjonisti msemmija u l-intimata l-ohra Theresa Azzopardi.

Jirrizulta ukoll illi bejn il-partijiet inqala' xi disgwid li wassal, kif hemm indikat fir-risposta, lir-rikorrenti abbanduna produzzjoni teatrali lejlietha. Jilmentaw l-intimati minn tali agir stante li sar nonostante li l-biljetti ghall-istess produzzjoni kienu mibjugha. Kien dan skont l-intimati li wassal lill-intimat Mario Philip Azzopardi li jsejjah laqgha generali, qua azzjonista maggoritarju, sabiex *" ir-rikorrenti jkollu dritt li jaghmel ir-rappresentazzjonijiet tieghu u wara jittiehed vot jekk jitnehha minn direttur tal-istess kumpanija intimata" (vide nota ta' l-initimati)*

Min-naha tieghu r-rikorrenti jilmenta li la darba hu jitnehha minn direttur, ghax dik hi l-intenzjoni u l-hsieb wara l-laqgha generali, se jitlef kull kontroll gewwa l-istess socjeta' in kwantu in minoranza, bil-konsegwenza li lanqas jkollu vuci fuq it-trasferiment ta' l-ishma lilu appartenenti minhabba l-artikolu 5 ta' l-*Articles and Association* kif minnu citat fir-rikors in ezami.

**Ikkonsidrat**

Illi kif gia suriferit l-ezami li trid taghmel hawn din il-Qorti huwa wiehed sommarju gwidat biss skont l-elementi kif incizi fl-artikolu 873 tal-Kap 12.

L-elementi gia misluta huma kif inghad kumultattivi mhux alternativi, ghalhekk apparti ir-rizultanza tal-jedd, dejjem fuq bazi ta' prima facie, jinhtieg li l-htiega tal-mandat trid tkun tali li tipprotegi il-ksur ta' l-istess jedd minn pregudizzju. Dana car ghaliex dan l-att kawtelatorju jista' biss jintuza *in extremis* ta' protezzjoni ta dan id-dritt pretiz u mhux kapriccozament ghax azzjoni prospettata ma tinghogobx.

Jfisser dana illi ir-rikorrenti jrid juri dritt moghti lilu a prexindere ta' l-artikolu 140 tal-Kap 386 tal-ligijiet ta' Malta, (u ohrajn intizi ghal protezzjoni ta' l-azzjonisti), inoltre li ezercitat dan id-dritt mill-intimati, il-pregudizzju li se jsoffri se jkun sproporzjat ghalih.

Jirrizulta u jilmenta r-rikorrenti li l-intimat Mario Philip Azzopardi jista', ghax ghandu il-maggor parti ta' l-ishma, jiehu kontroll effettiv tas-socjeta' intimata. Bir-rispett kollu ir-rikorrenti kien u hu kompartecipi ta' *Memorandum And Articles* li bih giet registrata l-kumpannija intimata u dak hemm stabbilit. Kien jaf ben sew li l-intimat Azzopardi kien se jkollu din il-maggoranza tal-ishma meta giet kostitwita is-socjeta. Dan ma hu ta' ebda sorpriza ghalih kif qisu jrid jimplika fir-rikors promotur.

Oltre hekk l-istess rikorrenti esebixxa b'nota sentenza datata 16 ta' Jannar, 2012 fl-ismijet **George Borg vs Primrose Poultry Products Limitd et.** li fic-car tistabilixxi id-drittijiet naxxenti mill-artikolu intizi biex jipprotegi l-azzjonisti fil-konfront tad-diretturi ta' socjeta. .

Illi kif suriferit huwa f'dan l-istadju ferm limitat l-ezami tal-fatti li tista' taghmel il-qorti, del resto anke l-fatti liha esposti huma ta' natura limitata kif jirrizulta mil-istess atti. Taf biss il-qoxra tal-vertenza bejn il-partijiet u hekk ghandu jkun f'dawn it-tip ta' proceduri.

**Illi esposti dawn ir-ragunament u wara li ezaminat dak kollu lilha prodott jirrizultalha illi huma neqsien l-elementi li trid il-ligi taht l-artikolu suriferit biex tintlaqa' it-talba ghal hrug ta' dan l-att kawtelatorju, konsegwentement tichad l-istess bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**